**44. Il-Ministru tal-Finanzi l-Onor. George Bonello Du Puis jipproponi:**

Bili huwa probvdut fl-artiklu 3 tal-Att tal-1952 dwar il-Bills tat-Teżor ta' Malta li l-Ministru responsabbli għall-Finanzi jista', kull meta jkun awtorizzat għal hekk b'Riżoluzzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti, jikseb flus ta' ammont mhux aktar minn dak speċifikat f'dik ir-riżoluzzjoni permezz tal-ħruġ ta' Bills skond l-imsemmi Att;

U billi huwa espedjenti li jiġi miksub ammont ta' mhux iżjed minn Lm30,000,000;

Issa għalhekk , jiġi riżolut u qiegħed jiġi b'din riżolut li l-Ministru tal-Finanzi jiġi awtorizzat li jikseb flus għal ammont ta' mhux iżjed minn Lm30,000,000 permezz tal-ħruġ ta' Bills tat-Teżor u skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att ta'l-1952 dwar il-Bills tat-Teżor ta' Malta.

26.11.1987